

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Frar 2017 – Kohrener Landmolkerei GmbH, DHG Deutsche Heumilchgesellschaft mbH vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-446/16 P) ⁽¹⁾

(Appell — Regolament (UE) Nru 1151/2012 — Sistemi ta' kwalità applikabbli għall-prodotti agrikoli u għall-prodotti tal-ikel — Speċjalitajiet tradizzjonali ggarantiti — Preżentata tardiva tal-att ta' oppożizzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti — Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Appell manifestament infondat)

(2017/C 129/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Kohrener Landmolkerei GmbH, DHG Deutsche Heumilchgesellschaft mbH (rappreżentant: A. Wagner, Avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. von Rintelen u A. Lewis, aġenti)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa mihud.
- 2) Kohrener Landmolkerei GmbH u DHG Deutsche Heumilchgesellschaft mbH huma kkundannati li jbatu l-ispejż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 410, 07.11.2016

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal de Justiça (il-Portugall) fid-9 ta' Frar 2017 – David Vicente Fernandes vs Gabinete Português de Carta Verde

(Kawża C-71/17)

(2017/C 129/07)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal de Justiça

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: David Vicente Fernandes

Konvenut: Gabinete Português de Carta Verde

Domandi preliminari

- 1) Il-kuntratt ta' assigurazzjoni magħmul fil-Lussemburgu jipproduċi effetti ġuridiċi fil-Portugall, bħallikieku l-polza rispettiva kienet inħarġet f'dan l-aħħar pajjiż?
- 2) Il-Gabinete Português de Carta Verde huwa korp ta' kumpens li għalih jirreferi l-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2009/103/KE ⁽¹⁾, u, bħala responsabbli għall-kumpens tal-persuni li ġarrbu danni fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 20(1) tad-Direttiva, hija taġixxi bl-istess mod bħal ma tkun taġixxi l-impriża ta' assigurazzjoni Lussemburgiża?
- 3) Fil-każ inkwistjoni tisa' tiġi ppreżentata azzjoni kontra l-korp ta' kumpens jew huwa neċessarju wkoll li tiġi ppreżentata azzjoni kontra l-impriża ta' assigurazzjoni? Fil-każ li għandha tiġi ppreżentata azzjoni kontra l-impriża ta' assigurazzjoni, il-preżentata tista' ssir fis-sede tagħha fil-Lussemburgu jew ikollha ssir kontra r-rappreżentant tagħha fil-Portugall?

- 4) Fil-każ ta' impriża ta' assigurazzjoni li ma għandhiex rappreżentant fil-Portugall, kontra min għandha tiġi ppreżentata l-azzjoni sabiex isir kumpens sħiħ, fil-każ tal-eżistenza ta' polza ta' assigurazzjoni b'responsabbiltà ċivili illimitata?

(¹) Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11).

Appell ippreżentat fl-14 ta' Frar 2017 minn TestBioTech eV, European Network of Scientists for Social and Environmental Responsibility eV, Sambucus eV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (il-Ħames Awla) fil-15 ta' Diċembru 2016 fil-Kawża T-177/13, TestBioTech eV, European Network of Scientists for Social and Environmental Responsibility eV, Sambucus eV vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-82/17 P)

(2017/C 129/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: TestBioTech eV, European Network of Scientists for Social and Environmental Responsibility eV, Sambucus eV (rappreżentanti: K. Smith QC, J. Stevenson, Barrister)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, European Food Safety Authority, Monsanto Europe, Monsanto Company

Talbiet

- tannulla l-punti 1 u 2 tad-dispożittiv tas-sentenza,
- teżamina mill-ġdid is-sentenza billi tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni skont it-talbiet imressqa quddiem il-Qorti Ġenerali jew, sussidjarjament, tirrinvijja l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal eżami ġdid sħiħ tal-kawża. Id-deċiżjoni dwar dan il-punt tiddependi fuq l-aggravju jew aggravji li ser jintlaqa' jew jintlaqgħu.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrenti fl-appell, u
- tordna kull miżura oħra li hija tqis li hija neċessarja.

Aggravji u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, TestBioTech *et vs* Il-Kummissjoni (T-177/13, EU:T:2016:736) ("is-sentenza") innotifikata lir-rikorrenti fid-19 ta' Diċembru 2016. F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ħadhet ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti u intiż għall-annullament ta' tliet deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, essenzjalment identiċi, indirizzati lir-rikorrenti. Fil-fatt, dawn id-deċiżjonijiet stabbilixxew li l-ilmenti tar-rikorrenti li jikkonċernaw id-Deċiżjoni 2012/347 (¹) li tagħti lil Monsanto Europe SA awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-soja tagħha MON 87701 × MON 89788 abbażi tar-Regolament 1829/2003 (²) dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (iktar "il quddiem ir-"Regolament AGM") ma kinix fondati. Suċċessivament sejjer isir riferiment għal dawn id-deċiżjonijiet bħala "deċiżjonijiet tal-Kummissjoni".

Fil-qosor, meta ħadhet l-argumenti tar-rikorrenti kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi:

- a) billi ddikjarat inammissibbli ċerti partijiet tar-rikors għal annullament imressqa mir-rikorrenti peress li t-talbiet għal eżami mill-ġdid imressqa skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Aarhus (³) ma kinux jinkludu d-dettalji jew ir-raġunijiet preċiżi kollha invokati quddiem il-Qorti Ġenerali insostenn tal-motivi u/jew li ma kinux ġew issodisfatti rekwiżiti proċedurali oħra.